

Lejn Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ riformata

P6_TA(2008)0180

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2008 dwar "Lejn Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ riformata" (2007/2184(INI))

(2009/C 259 E/14)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Diċembru 1999 dwar it-Tielet Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ f'Seattle ⁽¹⁾ tal-25 ta' Ottubru 2001 dwar kummerċ internazzjonali miftuħ u demokratiku ⁽²⁾, tat-13 ta' Diċembru 2001 dwar il-laqgħa tad-WTO fil-Qatar ⁽³⁾, tal-25 ta' Settembru 2003 dwar il-Ħames Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Cancún ⁽⁴⁾, tat-12 ta' Mejju 2005 dwar l-evalwazzjoni tar-Rawnd ta' Doha wara d-deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO tal-1 ta' Awissu 2004 ⁽⁵⁾, tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar it-tħejjija tas-Sitt Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Hong Kong ⁽⁶⁾ u tal-4 ta' April 2006 dwar l-evalwazzjoni tar-Rawnd ta' Doha wara l-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Hong Kong ⁽⁷⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet finali tas-seduti tal-Konferenza Parlamentari dwar l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) adottati f'Ġinevra fit-18 ta' Frar 2003, f'Cancun fit-12 ta' Settembru 2003, fi Brussell fis-26 ta' Novembru 2004, f'Hong Kong fil-15 ta' Diċembru 2005 u f'Ġinevra fit-2 ta' Diċembru 2006,
 - wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Marrakesh li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet ministerjali tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO adottati f'Doha fl-14 ta' Novembru 2001 u f'Hong Kong fit-18 ta' Diċembru 2005,
 - wara li kkunsidra r-rapport ta' Jannar 2005 tal-Bord Konsultattiv immexxi minn Peter Sutherland dwar il-ġejjieni tad-WTO ⁽⁸⁾,
 - wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-Kummerċ Dinji tal-2004;
 - wara li kkunsidra l-paragrafu 56 tad-Dikjarazzjoni ta' Hong Kong dwar il-passi li jeħtieġ jittieħdu biex jiġu żgurati l-involviment u l-ghajjnuna ta' aġenziji kruċjali tan-NU, inkluża l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), fil-proċeduri tad-WTO u fin-negozjati attwali;
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0104/2008),
- A. billi d-WTO għandha rwol ewlieni fost l-organizzazzjonijiet multilaterali li jikkontribwixxu għall-governanza ekonomika internazzjonali, għall-immaniġġjar tal-globalizzazzjoni u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-benefiċċji tagħha u jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jilhqnu l-Għanijiet tal-Millennju għal Żvilupp Sostenibbli,
- B. billi meta r-Rawnd tad-WTO attwali ġie mniedi f'Doha, Qatar fl-2001 huwa ġie msejjaħ uffiċjalment "Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp" li emfasizza l-prijorità tal-ghajjnuna għall-pajjiżi fqar u li qed jiżviluppaw biex jibbenefikaw aktar mil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ,

⁽¹⁾ ĠU C 296, 18.10.2000, p. 121.

⁽²⁾ ĠU C 112 E, 9.5.2002, p. 326.

⁽³⁾ ĠU C 177 E, 25.7.2002, p. 290.

⁽⁴⁾ ĠU C 77 E, 26.3.2004, p. 393.

⁽⁵⁾ ĠU C 92 E, 20.4.2006, p. 397.

⁽⁶⁾ ĠU C 285 E, 22.11.2006, p. 126.

⁽⁷⁾ ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 155.

⁽⁸⁾ "Il-Futur tad-WTO: Nindirizzaw Bidliet Istituzzjonali fil-Millennju l-Ġdid" rapport tal-Bord Konsultattiv għad-Direttur Ġenerali Supachai Panitchpakdi (WTO, Jannar 2005).

Il-Ħamis, 24 ta' April 2008

- C. billi l-UE tagħti importanza kbira li jitħares dak li nkiseb sa issa permezz tas-sistemi multilaterali ta' kummerċ u li tibqa' impenjata bis-sħiħ favur is-suċċess tar-Rawnd ta' Doha,
- D. billi, minkejja d-dewmien fin-negozjati, għadhom għaddejjin sforzi sabiex dan ir-Rawnd jiġi konkluż b'suċċess, u billi jeħtieġ li dawn l-isforzi jiġu mħeġġa,
- E. billi n-negozjati kummerċjali bilaterali u reġjonali varji li nfetħu nbdew mill-UE ma' bosta msieħba madwar id-dinja ma jistgħu bl-ebda mod ikunu alternattiva għall-konklużjoni tar-Rawnd ta' Doha,
- F. billi, lillhinn mill-preokkupazzjonijiet immedjati dwar il-konklużjoni tar-Rawnd u l-kritika tal-pożizzjonijiet differenti dwar is-suġġetti differenti li qed jiġu diskussi, jeħtieġ li minn issa jibdew it-tħejjijiet għall-perjodu ta' wara Doha,
- G. billi fl-2004 diġà saret analiżi importanti mill-Bord Konsultattiv immexxi minn Peter Sutherland dwar il-ġejjieni tad-WTO u dwar l-isfidi istituzzjonali li qed tiffaċċja, billi, madankollu, ma ttehdet l-ebda azzjoni prattika rigward ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ippreżentat mill-imsemmi Bord Konsultattiv lid-Direttur Ġenerali tad-WTO f'Jannar 2005,
- H. billi fil-dawl tal-aħħar żviluppi issa huwa urġenti li jerġa' jinfetaħ id-dibattitu u li ssir reviżjoni fundamentali ta' bosta aspetti tal-ħidma tad-WTO bil-għan li jiżdiedu kemm l-effettività u kemm il-leġittimità tagħha,
- I. billi d-dibattitu isituzzjonali fid-WTO li talab il-Parlament Ewropew bl-ebda mod ma huwa kompatibbli mal-kontinwazzjoni u mal-konklużjoni eventwali tar-Rawnd ta' Doha,
1. Itenni l-appell tiegħu lill-partijiet kollha konċernati, b'mod speċjali lill-ekonomiji emerġenti, sabiex juru flessibilità sabiex iqajmu mill-ġdid fuq saqajh ir-Rawnd ta' Doha u sabiex jilħqu ftehim li jkun sħiħ, bilanċjat u ta' benefiċċju kemm sabiex il-kummerċ internazzjonali u t-tkabbir dinji jirkupraw u kemm għall-iżvilupp tal-pajjiżi l-anqas żviluppati tad-dinja;
 2. Iqis, barra minn hekk, li llum aktar minn qatt qabel jeħtieġ li jitkompla d-dibattitu dwar il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, il-mandat, l-operat u l-ġejjieni tad-WTO bl-iskop ta' riforma eventwali ta' din l-organizzazzjoni;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta malajr kemm jista' jkun f'Ġinevra inizjattiva b'saħħitha bil-għan li dan id-dibattitu jinfetaħ mill-ġdid; jistieden lill-Kummissjoni sabiex f'dan ir-rigward tagħmel kuntatt b'mod informali ma' membri oħra tad-WTO li jistgħu jappoġġjaw inizjattiva ta' dan it-tip u mad-Direttur Ġenerali ta' dik l-organizzazzjoni, u biex tirrapporta lillu, sa l-aħħar tal-2008, dwar ir-riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet;
 4. Jilqa' r-riforma sostanzjali tad-WTO u jerġa' jisħaq fuq l-importanza tal-kummerċ bħala strument effettiv għall-iżvilupp u għat-tnaqqis tal-faqar; jenfasizza l-importanza tal-multilateraliżmu bħala mekkaniżmu għall-promozzjoni tal-kummerċ ħieles u ġust sabiex jintlaħqu l-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millennju;
 5. Jemmen li Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ b'saħħitha u b'sistema ta' kummerċ internazzjonali bbażata fuq ir-regoli toffri opportunitajiet għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jiġi eliminat il-faqar; jiddispjaċih li riżorsi ristretti jiżvantaġġaw lil pajjiżi li qed jiżviluppaw waqt in-negozjati; jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha tappoġġja segretarjat tad-WTO imsaħħa u aktar riżorsi għal appoġġ tekniku, b'mod speċjali għal pajjiżi membri tad-WTO li qed jiżviluppaw sabiex tippermettilhom jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi ta' tħassib;

6. Jirrimarka li d-WTO hija l-unika organizzazzjoni globali b'funzjoni ta' stipular ta' regoli li ma tagħmilx parti mill-familja ta' organizzazzjonijiet tan-NU u għalhekk l-istipular ta' regoli tad-WTO jillimita ruħu għar-responsabilità ta' politika sempliċi ta' kummerċ; jistieden lill-Kummissjoni sabiex din id-dilemma strutturali tingħata prijorità fl-aġenda tar-riforma tad-WTO;
7. Iqis li l-eżerċizzju propost għandu jolqot l-ewwel l-għanijiet infushom tas-sistema kummerċjali mulilaterali sabiex ikun hemm koperazzjoni reċiproka u koerenza mal-attivitajiet mnedija mill-organizzazzjonijiet internazzjonali l-oħra; iqis li huwa meħtieġ b'mod partikulari li tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tad-WTO ma' dawk tal-ILO, l-UNEP, id-WHO u l-UNCTAD, u tal-Protokoll ta' Kyoto dwar l-enerġija sostenibbli biex tkun garantita aktar koerenza fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'dan l-organizzazzjonijiet; huwa tal-parir li f'dan l-ambitu tista' tiġi eżaminata l-possibilità li l-ILO tingħata l-istatus ta' osservatriċi fid-WTO u li jitwaqqaf Kumitat għall-"kummerċ u xogħol xieraq" fuq il-mudell tal-Kumitat "kummerċ u ambjent";
8. Jitlob li tiġi kkunsidrata bir-reqqa l-kwistjoni ta' kif jistgħu jitqiesu aħjar kunsiderazzjonijiet mhux kummerċjali fl-ambitu tar-regoli tad-WTO sabiex il-membri jitħallew isegwu objettivi ta' politika leġittimi, filwaqt li jitħares l-aċċess għas-suq; rigward dan jenfasizza li sforzi sabiex jiġu adottati standards internazzjonali għandhom ikollhom l-appoġġ sħiħ tal-UE u li għandha tingħata l-għajnuna meħtieġa lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex dawn l-istandards jintlaħqu;
9. Jitlob li fin-NU tingħata kunsiderazzjoni, flimkien mad-WTO, għar-rabtiet ġodda li għandhom jiġu stabiliti bejn organizzazzjonijiet mulilaterali sabiex tkun żgurata l-konsistenza fl-attivitajiet tagħhom, kif ukoll fil-ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali varji, fl-interess ta' żvilupp sostenibbli u tal-eradikazzjoni tal-faqar;
10. Huwa tal-fehma li l-aktar rekwiżit ta' sfida għall-konsistenza bejn is-sistema tan-NU u tad-WTO se tkun il-ħtieġa li din tal-aħħar tiżgura li r-regoli għall-kummerċ jirrispettaw bis-sħiħ il-liġijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali;
11. Jappoġġja approċċ li jkun ibbażat fuq l-inċentivi għall-osservanza ta' standards ambjentali u soċjali mill-membri tad-WTO imma bl-istess mod jitlob li jkun hemm evalwazzjoni tal-kompatibilità tal-miżuri li jindirizzaw id-dumping soċjali u ambjentali;
12. Jappoġġja li fir-reviżjoni futura tal-mekkaniżmu tal-politika għall-kummerċ tal-membri tad-WTO ssir analiżi ta' kwistjonijiet soċjali u ambjentali u ta' dawk li jirrigwardaw id-differenza bejn is-sessi, inkluż fl-impjiegi, id-drittijiet tal-ħaddiema u miżuri relatati;
13. Jistieden lill-parteċipanti fid-dibattitu biex jistaqsu lilhom infushom dwar il-limiti ta' approċċ li fih in-negozjati kummerċjali jsiru permezz ta' "rawnds" fuq żmien twil, li jinvolvu l-pajjiżi membri kollha f'diskussjonijiet fuq firxa wiesgħa ta' suġġetti fuq il-bażi ta' "impenn uniku"; jirrikonoxxi l-meritu storiku ta' dan l-approċċ fit-twaqqif u fl-iżvilupp ta' sistema kummerċjali multilaterali u fli jitħalla spazju għal-liberalizzazzjoni progressiva u impenji ta' benefiċċju reċiproku; huwa tal-fehma madankollu li f'setturi fejn sar progress suffiċjenti (bħalma hu l-każ attwali tal-Faċiliizzazzjoni tal-Kummerċ), fil-ġejjieni jsir rikors għal metodi oħra aktar flessibbli u aktar effettivi;
14. Iqis li l-istruttura istituzzjonali tad-WTO tista' tittejjeb billi tagħmel distinzjoni aħjar bejn l-attivitajiet marbuta man-negozjar ta' regoli u impenji ġodda u dawk marbuta mal-implimentazzjoni ta' ftehimiet eżistenti; jenfasizza l-importanza ta' dan l-aħħar tip ta' attivitajiet li bl-ebda mod m'għandhom jiġu sagrafikati mill-pajjiżi membri f'termini ta' riżorsi u ta' attenzjoni politika;
15. Jissuġġerixxi li r-relevanza u l-applikabilità tar-regoli kummerċjali multilaterali fis-seħħ għandhom jiġu evalwati mill-ġdid b'mod regolari bl-iskop tal-adozzjoni eventwali tagħhom;

Il-Ħamis, 24 ta' April 2008

16. Jitlob li issir definizzjoni mill-ġdid tal-irwol u tal-format tal-Konferenzi Ministerjali; josserva li diġà hemm tendenza mill-pajjiżi membri tad-WTO li jippreferu metodi ta' koordinazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet aktar informali f'dan il-livell, u jinnota li ma ssejthet l-ebda Konferenza Ministerjali fl-2007, minkejja l-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehma ta' Marrakesh rigward il-frekwenza ta' dan it-tip ta' laqgħat; jistieden lill-pajjiżi membri tad-WTO sabiex jitgħallmu minn dawn l-iżviluppi;
17. Jenfasizza l-importanza tad-dimensjoni parlamentari tad-WTO sabiex isseddaq l-leġittimità demokratika u t-trasparenza fin-negozjati tad-WTO; jenfasizza l-importanza tax-xogħol magħmul mill-Konferenza Parlamentari fuq id-WTO, li hija organizzata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Unjoni Interparlamentari (IPU), li l-attivajiet tagħha jistgħu jintensifikaw ruħhom;
18. Ifakkar li parlamentari, bħala rappreżentanti eletti taċ-ċittadini, għandhom irwol importanti f'negozjati li jirrigwardaw il-kummerċ, u b'mod partikulari, rigward in-negozjati mad-WTO;
19. Jenfasizza l-bżonn li tinħoloq assemblea parlamentari tad-WTO li jkollha setgħat konsultattivi minħabba n-nuqqas ta' responsabilità demokratika u n-nuqqas ta' leġittimità tad-WTO u jilqa' b'sodisfazzjon kwalunkwe riforma li ssaħħaħ l-assoċjazzjoni tal-Membri Parlamentari mad-WTO;
20. Jitlob lill-membri tad-WTO sabiex jipprovdu appoġġ suffiċjenti lill-parlamentari tagħhom sabiex jipparteċipaw fl-iżvilupp ta' dimensjoni parlamentari għad-WTO; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tieħu inizjattivi għal dan l-iskop fid-WTO; jenfasizza li sakemm id-WTO tassumi din ir-risponsabilità, id-dimensjoni parlamentari tad-WTO tingħata mill-Konferenza Parlamentari lid-WTO b'organizzazzjoni konġunta bejn il-Parlament Ewropew u l-IPU;
21. Jappella sabiex fid-WTO, tiddaħħal sistema aktar demokratika ta' teħid ta' deċiżjonijiet li tqis l-opinjoni tal-imsieħba kollha u li tinkludi pajjiżi fil-livelli varji ta' żvilupp;
22. Ma jqisx li la huwa realistiku u lanqas mixtieq li wieħed jixħet id-dubbi fuq l-prinċipju tal-kunsens fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tad-WTO li jggarantixxi l-ugwaljanza tal-membri, kontra dak li jsir f'votazzjoni b'maġġoranza (jew maġġoranza kwalifikata); iqis, madankollu, li hemm bosta toroq li jistgħu jiġu investigati sabiex, skond il-każ individwali, ikun aktar faċli li jkun hemm kunsens ta' dan it-tip;
23. Jirrikonoxxi l-proposti li saru fir-Rapport Sutherland imsemmija hawn fuq dwar approċċ plurilaterali għall-ftehimiet opt-in jew opt-out f'każijiet fejn ma jistax jintlaħaq konsensus, iżda jtenni l-impenn tiegħu għall-multilateraliżmu u jwissi li l-plurilateralizmu mhux neċessarjament vantaġġu għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jista' jkabar id-distakk bejn il-pajjiżi żviluppatti u l-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw;
24. Josserva l-multiplikazzjoni fi ħdan id-WTO ta' gruppi informali li jinvolvu għadd kbir mhux ħażin ta' pajjiżi membri li jingħaqdu madwar ċerti interessi komuni settorjali jew reġjonali, u l-irwol ta' spiss utli ta' dawn il-gruppi fis-sintesi tal-pożizzjonijiet u fil-formazzjoni tal-kompromessi; jistieden lill-pajjiżi membri sabiex jirriflettu dwar il-possibiltà ta' mmaniġġjar aħjar tat-twaqqif u tal-ħidma ta' dan it-tip ta' gruppi fl-interess tat-trasparenza u tal-effiċjenza u dwar il-possibiltà li jingħatawlihom ir-riżorsi meħtieġa għall-attivajiet tagħhom;
25. Ifakkar li l-parteċipazzjoni ugwali effettiva tal-membri kollha, b'mod partikolari l-pajjiżi l-anqas żviluppatti (LDCs), għandha tiġi kkunsidrata kif xieraq f'kull riforma tas-sistema kummerċjali multilaterali;
26. Iqis li huwa fundamentali li l-parteċipazzjoni attiva tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw tissaħħaħ biex b'hekk iħossuhom rappreżentati bis-sħiħ fil-proċess ta' negozjati u jkun jistgħu jidentifikaw, jesprimu u jiddefendu l-interessi kummerċjali tagħhom, pereżempju permezz tal-introduzzjoni ta' sistema ta' rappreżentanza permezz ta' koalizzjoni minflok rappreżentanza permezz ta' grupp fiss ta' pajjiżi, kif ukoll it-tqassim ta' riżorsi li jkun biżżejjed għall-iżvilupp tal-għarfien u tal-kapaċitajiet tekniċi ta' dawn il-pajjiżi; jenfasizza li jeħtieġu wkoll riżorsi adegwati sabiex il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jimplementaw effettivament ir-regoli tad-WTO, jaġġustaw ruħhom għar-riformi u b'hekk jintegraw ruħhom aħjar fis-sistema dinjija tal-kummerċ;

27. Iħeġġeġ sabiex isiru sforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fil-Kunsilli Eżekuttivi, kif ukoll sabiex jissaħħu s-sistemi interni tagħhom ta' rapurtaġġ, ta' trasparenza u ta' governanza tajba;
28. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tar-Rapport Sutherland li jiġu inklużi arranġamenti finanzjarji għal għaj-nuna teknika bħala dritt kuntrattwali għal-LDCs biex dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fis-sistema kummerċjali multilaterali; jenfasizza l-importanza kritika tal-bini tal-kapaċità għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tissaħħa l-abilità tagħhom biex jinnegozjaw u jidentifikaw b'żonnijiet u strateġiji u biex jint-laħqu l-impenji tad-WTO;
29. Iqis li l-kwistjoni rikorrenti tal-ħolqien ta' tip ta' "Kunsill ristrett" jew ta' "Kumitat tat-tmexxija" tad-WTO biex iħejji u jiffaċilita deċiżjonijiet ibbażati fuq il-kunsens fil-Kunsill Ġenerali għandha tiġi investigata aktar bir-reqqa; għandu dubji kif tista' tinkiseb rappreżentanza fuq bażi individwali għal kull każ u jenfasizza li hemm hteġa kbira li entità ta' dan it-tip tkun trid tagħti kont lill-membri kollha tad-WTO u jkollha trasparenza interna;
30. Jenfasizza li l-irwol tas-Segretarjat tad-WTO huwa kritiku, u jemma li huwa importanti li s-Segretarjat jkollu r-rappreżentanza proporzjonata ta' uffiċjali ta' pajjiżi żviluppanti u ta' pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, sabiex l-organizzazzjoni tkun tista' twettaq il-mandat tagħha b'aktar effettività;
31. Jixtieq jara meqjusa b'attenzjoni l-kwistjoni tal-irwol tas-Segretarjat u tad-Direttur Ġenerali tad-WTO; jistaqsi lill-nnifsu dwar il-limiti ta' applikazzjoni stretta żżejjed tal-prinċipju tal-immaniġġjar tas-sistema mill-gvernijiet tal-pajjiżi membri (il-kunċett ta' "member-driven organisation"); iqis li jeħtieġ li jissaħħu l-mezzi finanzjarji u umani, kif ukoll ir-riżorsi disponibbli għas-segretarjat tad-WTO; jinnota madankollu, li l-għoti ta' kapaċitajiet għall-inizjattivi lill-korpi tad-WTO sabiex jiġi promoss l-interess "kollettiv" iqaqal kwistjonijiet ta' leġittimità, risponsabilità u trasparenza;
32. Jissuġġerixxi li għandha tingħata wkoll ċerta libertà lis-Segretarjat tad-WTO sabiex ikun jista' jieħu miżuri ta' interess sistemiku, jipproponi formoli ta' kompromess f'każ li t-taħditiet jiġu bblukkati, jew anke jippresjedi l-laqqha ta' ċertu korpi fl-interess tal-kontinwità u tal-impazjalità; jenfasizza l-hteġa li proposti bħal dawn jiġu akkumpanjati minn riflessjoni serja dwar il-metodi tar-reklutaġġ ta' membri tas-segretarjat u dwar l-adegwatezza tar-riżorsi tiegħu għall-missjonijiet li huma fdati lillu;
33. Huwa konvint li l-n-nuqqas ta' differenzjar biżżejjed bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, minkejja l-varjazzjoni kbira fil-livelli ta' żvilupp ekonomiku tagħhom u fil-ħtiġijiet partikulari tagħhom, jikkostitwixxi ostakolu għall-adozzjoni ta' miżuri effikaċi favur dawn il-pajjiżi b'konformita' mal-objettiv iddikjarat fir-Rawnd ta' Doha u huwa ta' ħsara għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li għandhom l-akbar b'żonnijiet; iħeġġeġ lill-pajjiżi żviluppanti sew sabiex jassumu minn issa s-sehem tagħhom ta' risponsabilità fir-Rawd attwali u sabiex jagħtu kontribuzzjonijiet li jikkorrispondu mal-livell ta' żvilupp u ta' kompetittività (settorjali) tagħhom;
34. Iqis li t-tfassil mill-ġdid tat-Trattament Speċjali u Differenzjali (SDT) huwa kritiku għar-rilevanza tad-WTO mill-perspettiva tal-iżvilupp; tfassil mill-ġdid bħal dan għandu jinkludi differenzjar bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fid-WTO u approċċ għall-SDT ibbażat fuq il-b'żonnijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi individwali iktar milli tal-kategoriji ta' pajjiżi; jirakkomanda li għandhom jintużaw kriterji effettivi biex isir id-differenzjar billi mhux biss jitqies it-tkabbir tal-Prodott Gross Nazzjonali (GNP), iżda jiġu kkunsidrati wkoll indikaturi bħall-indiċi tal-vulnerabilità ekonomika (EVI) u l-indiċi tal-kummerċ u l-iżvilupp (TDI);
35. Huwa tal-fehma li għandha tiġi eżaminata serjament il-kwistjoni tal-kategorizzazzjoni jew is-subkategorizzazzjoni mhux biss tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw iżda wkoll tal-pajjiżi l-oħra kollha li huma Membri tad-WTO fuq il-baży ta' kriterji oġġettivi bil-ħsieb li jkun hemm, jekk ikun possibbli, applikazzjoni differenzjata tal-ftehimiet eżistenti jew ta' dawk li qed jiġu negozjati;
36. Iqis li trasparenza fit-tfassil u fit-tweqqif ta' politiki ta' kummerċ jirrapreżentaw talba leġittima min-naħa tas-soċjetà, taċ-ċittadini u tal-parlamentarji; jilqa' l-progress ġenwin li nkiseb mid-WTO f'dak li jirrigwarda trasparenza esterna sa mit-twaqqif tagħha fl-1995 u l-effettività tal-politiki ta' komunikazzjoni tagħha; jenfasizza l-importanza li operaturi ekonomiċi u l-parteċipanti konċernati kollha tas-soċjetà ċivili li huma involuti jkollhom aċċess permanenti għal informazzjoni ta' kwalità rigward regoli tal-kummerċ multilaterali u dwar l-applikazzjoni tagħhom, u dwar kwalunkwe eżenzjonijiet għal membri tad-WTO;

Il-Ħamis, 24 ta' April 2008

37. Jappoġġja l-ideat proposti mid-Direttur Ġenerali tad-WTO bil-għan li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' "trasparenza attiva", kif ukoll il-moniteragg u s-sorveljanza effikaċi tal-applikazzjoni tar-regoli u tal-impenji meħuda mill-pajjiżi membri bl-iskop li jiġi żgurat it-twertiq effettiv u integrali tagħhom; jistieden lid-WTO biex issegwi l-isforzi tagħha f'dan il-qasam u lill-pajjiżi li huma membri tagħha biex jagħtuha r-riżorsi meħtieġa għal dan il-għan
38. Ifakkar li l-Ftehma għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (Dispute Settlement Understanding) ilha sa mill-1997 s-suġġett ta' negozjati sabiex biex jiġu ċċarati wħud mir-regoli tagħha u biex titjeb l-applikazzjoni tagħhom; jiddeplora n-nuqqas ta' riżultati għal perjodu hekk twil ta' żmien f'dawn in-negozjati; jappoġġja l-proposta tal-UE sabiex tittejjeb l-awtonomija tal-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim;
39. Jappella sabiex waqt il-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwimiet, il-laqgħat sostanzjali mal-partijiet konċernati, ma' gruppi speċjali u mal-korp ta' appell, minħabba l-karattru legali tal-proċeduri fil-futur għandhom isiru fil-pubbliku kif soltu jsir f'seduti tal-qorti, u li d-dokumenti rilevanti, b'mod partikulari l-komunikazzjonijiet mill-partijiet konċernati u mill-esperti, għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, ħliet f'każi rari u ġustifikati b'mod xieraq;
40. Huwa tal-fehma li l-mekkaniżmu tad-WTO għas-soluzzjoni ta' tilwim s'issa ssodisfa b'mod ġenerali l-irwol tiegħu, iżda għad hemm bżonn ta' ċerti aġġustamenti, b'mod partikulari rigward l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u tad-deċiżjonijiet tal-korp għas-soluzzjoni tat-tilwimiet; huwa favur li l-ġudikatura tas-sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim seddget il-kredibilità tal-impenji tad-WTO billi poġġiet żewġ membri tad-WTO f'pożizzjoni aħjar ta' ugwaljanza;
41. Jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat li l-Korp għal Soluzzjoni tat-Tilwim jinterpreta r-regoli tad-WTO b'tali mod li jqis il-liġi ambjentali u soċjali applikabbli internazzjonali u, fejn ikun meħtieġ, jistieden lill-Kummissjoni u l-imsieħba tad-WTO kollha biex jemendaw ir-regoli tad-WTO f'dan ir-rigward;
42. Iqis il-possibilita' li jiġu introdotti sanzjonijiet kontra dawk il-pajjiżi li jirrifjutaw li jiżguraw li l-liġijiet jew il-miżuri tagħhom jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, hekk li jkunu ta' benefiċċju għall-pajjiżi milquta ħażin minn dawn il-liġijiet u l-miżuri, b'mod speċjali jekk ikunu ekonomiji żgħar li ma jistgħux jirrikorru b'mod kredibbli għal miżuri ta' ritaljazzjoni;
43. Jistieden lill-pajjiżi membri tad-WTO biex jieħdu din l-opportunita' għal dibattitu aktar wiesa' dwar l-possibilita' ta' riforma ta' din l-organizzazzjoni sabiex il-proċess ta' reviżjoni tal-Ftehma għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (Dispute Settlement Understanding) jitkompla u jiġi konkluż;
44. Iqis li fil-qafas tad-WTO għandha tiġi promossa wkoll integrazzjoni pożittiva bejn il-membri, flimkien mat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' ostakoli għall-kummerċ (integrazzjoni negattiva);
45. Huwa tal-fehma li l-kwistjoni ta' adefżjoni għandha tiġi inklużi wkoll fil-programm ta' dibattitu bħal dan; jiddispjaċih li kultant ċerti negozjati għal adefżjoni mad-WTO idumu aktar miż-żmien raġonevoli minħabba li jkunu bblukkati biss minn pajjiż membru wieħed jew minn numru żgħir ta' pajjiżi membri;
46. Jistieden lill-pajjiżi membri tad-WTO biex jikkunsidraw l-idea ta' status speċjali ta' pre-adeżjoni għall-pajjiżi kandidati li, għalkemm ma jkunux għadhom ikkonkludew in-negozjati tagħhom dwar l-aċċess bilaterali għas-suq mal-imsieħba ewlenin tagħhom fl-organizzazzjoni, jimpenjaw ruħhom li jassumu mingħajr ebda dewmien l-obbligi kollha li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-regoli eżistenti; jinsisti fuq il-fatt li d-deċiżjoni jekk pajjiż membru għad id jgħix aċċettat fid-WTO jew le għandha dejjem tittieħed fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet strettement kummerċjali;
47. Iqis li l-inizjattiva tal-UE "Kollox barra l-armi" hija eżempju tajjeb ta' aċċess għas-suq għall-pajjiżi anqas żviluppati;
48. Ifakkar fl-Artikolu XXXVIII, paragrafu 2(a) tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 li għadu mhux implimentat, li jstipola l-impenn tal-membri kollha tad-WTO sabiex jistabbilizzaw u jtejbu l-kundizzjonijiet tas-suq għall-prodotti primarji ta' interess partikolari għall-pajjiżi membri li għadhom qed jiżviluppaw, u jqis li azzjoni deċiżiva dwar dan l-Artikolu hija aspekt importanti ta' WTO riformata;

Il-Ħamis, 24 ta' April 2008

49. Jenfasizza li dan id-dibattitu għandu jkun eżerċizzju ta' natura eminentament politika li, biex jirnexxi jeħtieġ livell għoli ta' impenn u ta' determinazzjoni min-naħa tal-pajjiżi membri; iħalli f'idejn dawn tal-aħħar biex jiddeċiedu fi ħdan liema korp tad-WTO għandu jsir dan ix-xogħol, kif ukoll l-irwol li għandu jkollu d-Direttur Ġenerali; madankollu jitlob li l-parlamenti tal-membri tad-WTO ikunu involuti fl-eżerċizzju permezz tal-kontribut tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO;

50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-pajjiżi membri l-oħra tad-WTO kif ukoll lid-WTO.

Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn il-KE u l-Kunsill tal-Koperazzjoni tal-Golf

P6_TA(2008)0181

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2008 dwar il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn il-KE u l-Kunsill tal-Koperazzjoni tal-Golf

(2009/C 259 E/15)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 1990 dwar is-sinifikat tal-ftehim ta' kummerċ ħieles li se tiġi konkluża bejn il-KEE u l-Kunsill tal-Koperazzjoni tal-Golf (GCC) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2007 dwar Ewropa Globali — aspetti esterni tal-kompetittività ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2007 dwar il-promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulħadd ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bl-isem ta' "L-Ewropa Globali: Kompetizzjoni Dinjija. Kontribut lill-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi" (COM(2006)0567),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni dwar approċċ komuni Ewropew għall-Fondi ta' Investimenti Sovrani (COM(2008)0115),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Ekonomika bejn l-Istati tal-Kunsill tal-Koperazzjoni tal-Golf, adottata fil-31 ta' Diċembru 2001 f'Muscat, fis-Sultanat ta' Oman, u d-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar it-tneċċija tal-Unjoni Doganali għall-Kunsill tal-Koperazzjoni tal-Istati Għarab tal-Golf tal-21 ta' Diċembru 2002,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 188c u 188n, paragrafu 6(a) (v) tat-Trattat ta' Liżbona, skond liema artikoli l-Kunsill għandu jitlob il-kunsens tal-Parlament qabel il-konklużjoni ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali li tkopri oqsma li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja tapplika għalihom,
- wara li kkunsidra r-Rapporti Annwali tal-Parlament Ewropew dwar id-drittijiet tal-bniedem,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 231, 17.9.1990, p. 216.

⁽²⁾ P6_TA(2007)0196.

⁽³⁾ P6_TA(2007)0206.